32004D0513

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-2 ta' Ġunju 2004

dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Kwadru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk

(2004/513/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 95, 133 u 152, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Konvenzjoni Kwadru dwar il-Kontroll tat-Tabakk taħt l-awpiċji ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

(2) Din il-Konvenzjoni ġiet iffirmata, f'isem il-Komunità Ewropea, fis-16 ta' Ġunju 2003, bla ħsara għall-possibilità li tiġi konkluża f'data aktar tard, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2003.

(3) Din il-Konvenzjoni għandha tiġi approvata.

(4) Kemm il-Komunità kif ukoll l-Istati Membri tagħha għandhom kompetenza fl-oqsma koperti fil-Konvenzjoni. Huwa għaldaqstant mixtieq li l-Komunità u l-Istati Membri tagħha jsiru Partijiet Kontraenti simultanjament sabiex flimkien iwettqu l-obbligi stipulati fil-Konvenzjoni u flimkien jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija minnha f'każijiet ta' kompetenza komuni sabiex tiġi garantita l-applikazzjoni uniformi tal-Konvenzjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni Kwadru dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-WHO hija hawnhekk approvata f'isem il-Komunità.

It-test tal-Konvenzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni bħala Anness I.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat biex jinnomina l-persuna li ser ikollha s-setgħa li tiddepożita, f'isem il-Komunità Ewropea, l-att ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 35 tal-Konvenzjoni, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Komunità li tkun marbuta u li tagħmel id-dikjarazzjoni li tinstab fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, flimkien mad-dikjarazzjoni interpretativa stabbilita fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar it-2 ta' Ġunju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MARTIN

([1]) Opinjoni mogħtija fil-21 ta' April 2004 (għad mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

ANNESS I

Il-Konvenzjoni Kwadru dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-WHO (*)

(*) It-test tal-Konvenzjoni fil-lingwi awtentiċi jidher fl-edizzjoni Ingliża, Franċiża u Spanjola tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

ANNESS II

Dikjarazzjoni magħmula mill-Komunità Ewropea skond l-Artikolu 35(3) tal- Konvenzjoni Kwadru dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-WHO (*)

(*) It-test tad-Dikjarazzjoni fil-lingwi awtentiċi jidher fl-edizzjoni Ingliża, Franċiża u Spanjola ta' dan id-dokument

ANNESS III

Dikjarazzjoni interpretattiva li għandha ssir mill-Komunità (*)

(*) It-test tad-Dikjarazzjoni fil-lingwi awtentiċi jidher fl-edizzjoni Ingliża, Franċiża u Spanjola ta' dan id-dokument